MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 272/2007

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' l-attriċi ppreżentat fil-21 ta' Gunju, 2007 li permezz tiegħu esponiet bir-rispett:

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha, fit-12 ta' Diċembru 2000, twieldet il-minuri Z, li issa għandha sitt (6) snin, hekk kif jidher mill-estratt tal-Att tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. KB1;

2. Illi għall-ewwel sentejn u nofs mit-twelid tal-minuri dejjem irrisjediet mar-rikorrenti u l-intimat fil-fond

proprjeta' tiegħu fejn l-istess intimat dejjem ipprovda għall-bżonnijiet tagħha;

3. Illi kif intemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet minħabba raġunijiet serji imputabbli lill-intimat, B keċċa lir-rikorrenti flimkien ma' bintu.

4. Illi minn meta ntemmet ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti l-intimat qatt ma ħallas manteniment għal bintu ħlief għal tlett pagamenti ta' Lm15-il wiehed; u dan tul perjodu ta' erba' (4) snin. Illi żewġ pagamenti mit-tlieta msemmija kienu permezz ta' ċekk maħruġ minn omm l-intimat.

5. Illi minn dak iż-żmien hija r-rikorrenti li tħallas l-ispejjeż edukattivi kollha tal-minuri, inklużi dawk extra-kurrikulari peress illi hija temmen li l-minuri, m' għandhiex tiċċaħħad minnhom sempliċiment għax l-intimat dejjem isib xi diffikulta' jew skuża biex iħallas. Għalhekk, thallashom hi.

6. Illi m'huwiex ġust li l-intimat ifarfar ir-responsabbiltajiet tiegħu fuq ir-rikorrenti u jħalli lir-rikorrenti tikkumbatti waħedha sabiex tipprova tagħmel tajjeb għall-bżonnijiet tal-minuri u żżommha fl-aħjar livell ta' edukazzjoni u għixien, speċjalment in vista tal-fatt li l-mezzi ta' l-intimat jippermettu kontribuzzjoni ħafna ogħla mill-minimu ġeneralment stabbilit mill-Qrati tagħna.

7. Illi għandu jingħad illi r-rikorrenti m'għandhiex mezzi finanzjarji biżżejjed biex trabbi lil bintha waħedha minħabba illi l-introjtu tagħha huwa limitat għall-għajnuna soċjali illi tirċievi fix-xahar. Hi għandha bżonn l-għajnuna u l-kontribuzzjoni da parti ta' l-intimat B wkoll, illi *del resto* huwa legalment obbligat illi jerfa' l-piż finanzjarju mar-rikorrenti.

8. Illi hemm bżonn illi l-intimat jkun marbut f'rata fissa mensili illi tobbligah iħallas manteniment u jikkontribwixxi għall-ispejjeż ta' bintu kull xahar, u mhux b'mod okkażjonali u sporadiku kif għamel sa llum.

9. Illi ċertament l-intimat mhux qiegħed f'pożizzjoni finanzjarja li ma jistax imantni lil bintu b'mod adegwat. Hu għandu mpjieg fiss f'negozju ta' missieru ġewwa s-*salon* magħruf bhala XXXX Salon ġewwa Birkirkara. Għandu ntrojtu tajjeb biżżejjed li jippermettilu jgħix ħajja komda hafna, kif ukoll li jixtri vetturi bħal vann, vettura ta' l-għamla Toyota, kif ukoll saħansitra BMW; kemm jekk jirreġistrahom fuq ismu jew le; jsiefer mill-inqas darba fis-sena, jilbes ħwejjeġ tad-ditta, għandu *mobile phones* sofistikati; kif ukoll joħroġ jiekol ta' spiss matul il-gimgħa u joħroġ jixrob spiss ma' sħabu – ċertament mhux *lifestyle* ta' xi ħadd li ma jiflaħx iħallas manteniment xieraq għal bintu.

10. Illi l-partijiet għaddew mill-proċess ta' medjazzjoni quddiem il-medjatriċi Erika Cotugno iżda din il-medjazzjoni ma tatx frott;

11. Illi l-attriċi ġiet debitament awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet numru 1021/07 (Dok KB 2) sabiex tintavola dawn il-proċeduri;

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Taffidalha l-kura u l-kustodja tal-wild minuri Z, salv l-aċċess ta' l-intimat, liema aċċess għandu jkun wieħed regolari b'tali mod li l-minuri jkollha rutina;

2. Tordna li l-intimat jissomministra retta alimentarja għal wild minuri, Z fl-ammont ta' mija u tletin (Lm130) lira Maltin fix-xahar, kif ukoll l-ispejjeż ta' edukazzjoni (bħal *school fees*, uniformijiet, kotba u trasport) u nofs l-ispejjeż kollha relatati mas-saħħa tal-minuri;

3. Tordna lill-intimat iħallas arretrati ta' manteniment kif ukoll sehmu għall-ispejjeż skolastiċi tal-minuri għal dawn l-aħħar erba' snin sa llum;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut ppreżentata fil-11 ta' Jannar 2008 fejn intqal bil-qima:

1. Illi l-konvenut m'għandu l-ebda oġġezzjoni għall-ewwel talba attriċi;

2. Illi l-konvenut m'hu qed jaqbel xejn mal-fatti hekk kif esposti mill-attriċi fir-rikors maħluf promotorju tagħha;

3. Illi l-esponent – konvenut iħoss illi l-manteniment mitlub mill-attriċi huwa wisq onoruż għalih u japplika l-prinċipju *'nemo ad impossibilia tenetur'*;

4. Illi l-esponent – konvenut iġib a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti għall-fatt illi huwa għandu tifel ieħor li huwa jrid imantni;

5. Apparti dan huwa llum miżżewweġ u l-mara li huwa miżżewweġ għandha żewġt itfal oħra li bħalissa qed imantnihom ukoll;

6. Apparti dan ukoll, huwa għandu żewġ *'loans',* waħda bħala *'overdraft'* għax-xogħol tiegħu ta' parrukkier, u oħra ħalli huwa akkwista post fejn huwa joqgħod;

7. Illi għalhekk filwaqt li huwa jrid jagħti aktar għal bintu huwa ma jistax jagħti aktar milli huwa gja' offra, u ċioe' r-rata mensili ta' sittin lira Maltin (Lm60) ekwivalenti għal mija u erbgħin Ewro (140 Ewro) u dana għaliex huwa ma jistax jerfa' aktar milli huwa jista';

8. Illi għalhekk għat-tieni talba attriċi l-konvenut iwieġeb illi huwa jrid iħallas manteniment iżda dejjem u sakemm dan ikun jista' jħallsu fiċ-ċirkostanzi finanzjarji li huwa jinsab fihom;

9. Illi għar-rigward tat-tieni talba attriċi huwa m'għandu jeħel l-ebda manteniment jew obbligu iehor b'mod retrospettiv;

10. Salv difiżi ulterjuri hekk kif premessi mill-liġi.

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Lulju 2007 li permezz tiegħu il-Qorti iffissat il-manteniment pagabbli *pendent lite* fis-somma ta' Lm90 fix-xahar;

Semgħet lill-attriċi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2008 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-intimat naqas li jressaq provi;

Ikkunsidrat;

Kif jidher mir-rikors promotur, l-attriċi qed titlob ħlas ta' manteniment għal bint il-partijiet illi illum għandha tmien snin. Jirriżulta li sakemm kellha sentejn u nofs il-partijiet għexu flimkien u l-konvenut kien jipprovdi għalihom, izda meta nfirdu huwa ħallas biss sittin lira (Lm60). B'effett minn Lulju 2007 kif indikat, ġie ikkundannat iħallas disgħin lira Maltin (Lm90) fix-xahar.

L-attriċi fid-depożizzjoni tagħha qalet li l-konvenut jgħix ħajja ta' lussu u meta kienu flimkien kienu jsiefru spiss. Għandu tlett karozzi u jħobb jiekol barra spiss.

Il-konvenut ma ressaqx provi għalkemm ingħata l-opportunita' jagħmel dan, u l-unika difiża li ġab hija li ma jistax iħallas ħafna manteniment għaliex issa żżewweġ u għandu żewġt itfal – ara r-rikors tiegħu fil-mori tal-kawża. Madankollu l-obbligu li wieħed imantni lil uliedu ma joħroġx mill-fatt li wiehed ikun jaqla' biżżejjed, iżda mill-istess liġi – ara s-sentenza (Tabone vs Tabone – Prim' Awla deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003). Il-Qorti m'għandhiex għalfejn ma temminx lill-attriċi f'dak li qalet fir-rigward tal-*life style* tal-konvenut u jekk illum ħass li kellu jżid il-piż fuqu dik hija problema tiegħu. Ma hemm ebda raġuni

lanqas għaliex ma għandux iħallas manteniment għal dawn l-aħħar ħames snin.

F'dan ir-rigward il-Qorti biex ma tikkumplikax l-affarijiet se tħalli l-ammont dekretat minnha ta' disgħin lira Maltin (Lm90) – ekwivalenti għal mitejn u disa' Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€209.64) bħala l-ammont li għandu jħallas għall-perjodu mil-1 ta' Jannar 2007 sal-lum (b' kollox ħamest elef, mija u sitta u tletin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€5,136.27), u żżid l-ammont b'effett immedjat għal mitejn u sebgħin Ewro (€270) fix-xahar iżda mhix se tikkomplika s-sentenza b'ordnijet dwar ħlasijiet oħra li jservu biss biex jipperpetwaw il-pendenza.

Għall-perjodu 2003 - 2006 il-Qorti se tikkundannah iħallas mitt Euro (€100) fix-xahar; b'kollox għalhekk erbat elef u tmien mitt Ewro (€4,800) li magħhom bħala arretrati jridu jiżdiedu ħamest elef, mija u sitta u tletin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€5,136.27), li b'kollox jammontaw għal disat elef, disa' mija u sitta u tletin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€9,936.27). Dan għax jirriżulta li l-konvenut għadu lanqas ħallas l-ammonti dekretat mill-Qorti f'Lulju 2007.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut (u tilqa' t-talbiet kollha ta' l-attriċi, u filwaqt li tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' mitejn u sebgħin Ewro (€270) fix-xahar b'effett millum, tordnalu wkoll iħallas is-somma ta' disat elef, disa' mija u sitta u tletin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€9,936.27) bħala arretrati.**

**Spejjeż ikunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------